# CIVISTI
## Il-Viżjonijiet tal-Pubbliku fuq ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni.

*X'tip ta'* ***problemi*** *trid issolvi l-Ewropa fil-ġejjieni? Liema* ***karatteristiċi soċjali*** *nixtiequ li jkollha l-Ewropa fil-ġejjieni? Liema* ***għanijiet*** *għandna niffissaw għall-iżvilupp tal-komunità Ewropea?*
*Dawn u ħafna aktar mistoqsijiet se jkunu ttrattati f'żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi f'7 pajjiżi Ewropej tul il-proġett Civisti.*

**Deskrizzjoni tal-proġett**
Il-proġett Civisti se jagħti lill-pubbliku ta' 7 pajjiżi Ewropej (id-Danimarka, l-Awstrija, il-Fjandri/il-Belġju, il-Finlandja, Malta, il-Bulgarija, l-Ungerija) opportunità li jiddefinixxu u jikkomunikaw il-viżjonijiet tagħhom għall-ġejjieni u jittrasformawhom fi kwistjonijiet rilevanti ta' xjenza, teknoloġija u innovazzjoni għal medda twila ta' żmien.

**L-għan tal-proġett**
Il-proġett CIVISTI hu msejjes fuq l-idea li **l-proċess tad-definizzjoni ta' aġendi rilevanti u proattivi jista', f'ħafna każi, jistagħna minn konsultazzjoni pubblika.**

Is-soċjetajiet tagħna qed jinbidlu bil-għaġla b'konsegwenza tal-globalizzazzjoni, teknoloġiji ġodda, soċjetajiet multi-kulturali, żviluppi fil-mezzi ta' komunikazzjoni, sfidi ambjentali u klimatiċi, żviluppi ġodda fl-enerġija, tkabbir tal-benessri u tal-konsum, eċċ.
Dawn huma żviluppi li kollha jinvolvu r-relazzjoni bejn ix-xjenza, it-teknoloġija u s-soċjetà. Marbutin ma' dawn l-iżviluppi, iqumu kwistjonijiet dwar kif is-soċjetà se tamministra l-ħtiġijiet u l-inċertezzi involuti – kemm għas-soċjetà u kemm għall-individwu.
Iċ-ċittadini huma dawk li jġorru l-piż tat-tħassib u l-aspettattivi tal-ġejjieni, u bl-għajnuna ta' ċerti metodi dan it-tħassib u dawn l-aspettattivi jistgħu jinġabru u jinbidlu f'aġendi ta' riċerka rilevanti.

Fil-qosor, CIVISTI se

- Jipproduċi lista ta' kwistjonijiet ġodda u emerġenti għax-Xjenza u t-Teknoloġija Ewropea
- Jipproduċi sett ta' għażliet ta' politika li huma rilevanti għal programmi ta' qafas Ewropej tal-ġejjieni
- Jibbaża dawn il-prodotti fuq proċess ġdid ta' parteċipazzjoni pubblika f'seba' stati membri, bl-għajnuna tal-ħila analitika ta' esperti u ta' kull min għandu x'jaqsam.

**Metodu**
Permezz taċ-CIVISTI se jitwaqfu panils ta' ċittadini f'seba' pajjiżi Ewropej biex jiġu magħrufa l-viżjonijiet, xewqat u tħassib għall-ġejjieni bis-saħħa ta' proċess ta' deliberazzjoni, infurmat b'materjal introduttiv u bil-kontribut ta' esperti u ta' kull min għandu x'jaqsam.

Id-deliberazzjonijiet ikunu organizzati madwar sett ta' mistoqsijiet strutturati fuq żewġ perspettivi li huma ta' importanza indaqs:

1. Liema xorta ta' sfidi jistennew iċ-ċittadini mill-ġejjieni, u liema xorta ta' riċerka hi meħtieġa biex tilqa' dawn l-isfidi (perspettiva esploratorja)?
2. Liema xorta ta' viżjonijiet u xewqat għall-ġejjieni għandhom jiggwidaw l-aġenda tar-riċerka Ewropea (perspettiva normattiva)?

Mistoqsijiet li jistgħu jsiru f'dan il-proċess huma:

- L-Ewropa, liema xorta ta' **problemi** se jeħtiġilha ssolvi fil-ġejjieni?
- Liema se jkunu l-**ħtiġijiet** l-aktar importanti li iżda għad ma ġewx skoperti f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi u oġġetti?
- Liema xorta ta' **konflitti** se jkunu dominanti fil-ġejjieni – fuq livell kemm globali u kemm partikolari?
- Kif se tkun sfidata jew stimulata l-**koerenza** soċjali fil-ġejjieni?
- Liema se jkunu l-isfidi ewlenin għas-**sostenibilità** soċjali, ekonomika u ambjentali fit-tul?
- Liema xorta ta' '**tħejjija għal-lest**' se jeħtiġilha tibni l-komunità Ewropea tagħna?
- Liema **saħħiet u opportunitajiet** speċifiċi se jkollha, jew għandu jkollha, l-Ewropa fil-ġejjieni?
- Liema **karatteristiċi soċjali** nixtiequ li jkollha l-Ewropa fil-ġejjieni?
- Liema xorta ta' **miri** għandna niffissaw għall-iżvilupp tal-komunità Ewropea?

SEVENTH FRAMEWORK PROGRAMME
Project funded under the Socio-economic Sciences and Humanities
EUROPEAN COMMISSION

**Għaliex il-konsultazzjoni pubblika Ewropea?**

Il-konsultazzjoni pubblika żżid ma' forom oħrajn ta' analiżi b'ħafna modi uniċi:

- Il-pubbliku jżid il-kredibilità demokratika fl-analiżi, li b'mod intuwitiv hi rikonoxxuta minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi.
- Il-bażi tal-għarfien issir aktar rilevanti meta l-mod xjentifiku jkun supplementat mill-esperjenza tal-ħajja ta' kuljum u minn 'għarfien prattiku'.
- Il-pubbliku huwa independenti mill-interessi diretti li spiss huma involuti fi kwistjonijiet ta' xjenza u teknoloġija, ħaġa li żżid il-kredibilità tal-proċess u tagħmilha possibbli li ssir analiżi aktar oġġettiva.
- Il-konsultazzjoni pubblika spiss twassal għal riżultati li jkunu rikonoxxuti bħala potenzjalment sodi soċjalment. Il-pubbliku jinkludi l-konflitti fis-soċjetà fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, u dan jagħmilhom rilevanti fit-tfassil proattiv ta' politika.
- Il-komplessità tal-kwistjoni spiss tingħaraf tajjeb ħafna permezz ta' proċessi ta' konsultazzjoni pubblika, xi ħaġa li tista' tkun spjegata mill-fatt li l-pubbliku jħares lejn il-kwistjoni mill-kontest tagħha, flok min-naħa l-oħra.
- Il-pubbliku jista' jkollu funzjoni bħal tal-ġurija fil-qorti – biex jikkonvinċi ruħu l-atturi jeħtiġilhom iressqu l-argumenti tagħhom, ħaġa li tkabbar it-trasparenza tal-proċess analitiku.

**Skopijiet taċ-CIVISTI**
Ir-riżultati ta' CIVISTI se jkunu relatati direttament mal-iskopijiet tas-sejħa Blue Sky Research fil-Programm 7PQ Ix-Xjenza fis-Soċjetà.

L-ewwel, il-proġett se jfassal **dehra** fit-tul **tal-ħtiġijiet, tħassib u viżjonijiet** tal-ġejjieni u għall-ġejjieni. Il-pubbliku ta' seba' pajjiżi Ewropej, li se jkun istigat b'mod strutturat biex iqis aspetti differenti tal-ġejjieni, se jfassal dawn il-viżjonijiet. L-istigar tal-pubbliku jinkoraġġixxi veduti fuq il-ġejjieni li huma ġodda u mhumiex meqjusa bħala materji ta' politika.
Fihom infushom, il-viżjonijiet ikunu r-riżultat, billi jirrappreżentaw xejriet ta' rilevanza għax-Xjenza u t-Teknoloġija fil-ġejjieni.

It-tieni, proċess li jinvolvi esperti u dawk li għandhom x'jaqsmu mal-proġett se juża mudell analitiku biex joħorġu l-aġendi tax-Xjenza u t-Teknoloġija ġodda mill-viżjonijiet tal-pubbliku.
Il-kwistjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp jirrelataw ma' dixxiplini xjentifiċi u żviluppi teknoloġiċi, u/jew ma' sfidi kumplessi trans-dixxiplinari. Dan iwassal għal **dehra ġenerali ta' oqsma ġodda potenzjali għax-Xjenza u t-Teknoloġija, fosthom dehra ġenerali ta' għażliet ta' politika**.

It-tielet, il-pubbliku jkun ikkonsultat mill-ġdid biex jivvalida u jagħti prijorità lill-aġendi ġodda tax-Xjenza u t-Teknoloġija u tal-għażliet ta' politiki. Ir-riżultat ikun **sett ta' kwistjonijiet u rakkomandazzjonijiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi li l-pubbliku jsib l-aktar importanti għall-ġejjieni tiegħu, u li jistgħu jiddaħħlu direttament fit-tfassil tat-8PQ.**

Ir-raba', CIVISTI se tikkontribiwixxi **għat-twessigħ tal-ħila Ewropea li tħares 'il quddiem**. L-aspett tal-konsultazzjoni pubblika hu mistenni li jiġbed attenzjoni minn oqsma xjentifiċi – bħal xjenzi ta' politika, studju tad-demokrazija, etika u filosofija – li s'issa, b'mod ġenerali, għad m'humiex konxji tal-iżviluppi fil-Ħars 'il Quddiem. Ir-riżultati ta' CIVISTI, inkluża l-esperjenza, il-metodoloġija u l-esperjenza, jitqassmu lill-komunità xjentifika u wkoll fost l-istituzzjonijiet rilevanti li jfasslu l-politika, li min-naħa tagħhom jappoġġjaw l-attenzjoni fuq studji li jħarsu 'l quddiem.

Il-ħames, **fiċ-CIVISTI se jitwaqqaf kunċett ġdid għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku f'Ħars 'il Quddiem fit-Tul**. Dan il-metodu mill-aktar innovattiv se jkun karatterizzat mill-valur għall-ispejjeż magħmulin – meta mqabbel mal-esperjenza eżistenti ta' parteċipazzjoni pubblika madwar l-Ewropa. Potenzjalment, il-metodu se jagħmilha possibbli li konsultazzzjonijiet pubbliċi jsiru fl-istati membri kollha bi prezz raġonevoli, ħaġa li għad ma ntlaħqitx. Raġuni important għal dan hija l-użu innovattiv ta' Għodda ta' Kontroll tal-Kontenut fuq l-internet li torbot flimkien l-attivitajiet li jsiru fid-diversi nazzjonijiet u matul il-fażijiet kollha tal-proġett.

SEVENTH FRAMEWORK PROGRAMME
Project funded under the Socio-economic Sciences and Humanities
EUROPEAN COMMISSION

Is-sitta, CIVISTI se **tinkludi riċerkaturi ġodda** biex jidħlu għal studji li jħarsu 'l quddiem billi jinkludi msieħba u parteċipanti li huma ġodda jew bi ftit esperjenza ta' attivitajiet li jħarsu 'l quddiem, fosthom negozji żgħar u medji fil-qasam tal-analiżi tal-opinjonijiet. Dawn l-imsieħba se jiksbu esperjenza fl-arranġament metodoloġiku ta' studji li jħarsu 'l quddiem u wkoll fl-eżekuzzjoni koordinata ta' attivitajiet ta' din ix-xorta f'livell transnazzjonali.

**Preżentazzjoni tal-proġett**
Il-proġett CIVISTI hu **maħsub għal politiki tax-Xjenza u t-Teknoloġija fuq livell Ewropew**.
Se ssir **Laqgħa ta' Politika** fi tmiem il-proġett (Jannar 2011) biex tagħti opportunità lil dawk li potenzjalment jistgħu jużaw ir-riżultati ħalli jiddiskutu r-riżultati, il-konklużjonijiet u l-għażliet ta' politiki magħmulin miċ-CIVISTI. Il-laqgħa, li se ssir fi Brussell, hija maħsuba speċifikament għal persuni li jfasslu l-politika ta' l-ippjanar tax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Ewropa, inkluż il-Parlament Ewropew (STOA u ITRE).

**Organizzazzjoni tal-Proġett**
Il-konsorzju tal-proġett għandu 7 msieħba minn 7 pajjiżi Ewropej differenti, u hu koordinat mill-Bord tat-Teknoloġija Daniż (DBT).

**Imsieħba:**
Id-Danimarka: Teknologiraadet – Il-Bord tat-Teknoloġija Daniż DBT www.tekno.dk
Iċ-Ċentru Nazzjonali Finlandiż għar-Riċerka fuq il-Konsumatur
NCRC www.kuluttajatutkimuskeskus.fi/?l=en
Il-Belġju: Instituut Samenleving en Technologie, IST,www.samenlevingentechnologie.be/
Malta: Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija
MCST www.mcst.org.mt/
Il-Fond Bulgaru għal Riċerka Applikata u l-Komunikazzjoni
Fond ARC www.arcfund.net/index.php
L-Ungerija: Istitut għar-Riċerka tal-Opinjonijiet u s-Suq Medián www.*median*.hu
L-Awstrija: L-Akkademja Awstrijaka tax-Xjenzi, Institut tal-Valutazzjoni Teknoloġika
OeAW-ITA www.oeaw.ac.at/ita/

**Skeda ta' żmien**
Mejju - Ġunju 2009 (16/5/09 - 28/6/09): L-ewwel Konsultazzjonijiet Pubbliċi nazzjonali
Marzu 2010 (23/3/10 - 26/3/10): Laqgħa tal-Esperti / Kull Min Għandu x'Jaqsam
Ottobru 2010 (1/10/10 - 24/10/10): It-tieni Konsultazzjonijiet Pubbliċi nazzjonali
Jannar 2011 (24-26/1/11): Laqgħa dwar Politika. Brussell